**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Nru** 1628

**Kaz Nru 1840**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Carmel Rapa**

**u**

**T.G. Services Co. Ltd.**

**Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.**

13 ta' Settembru, 2005

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).**

**Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irreferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fil-15 ta' Dicembru, 2003, biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.**

**Is-Sur Carmel Rapa, li minn issa jidher bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Alfred Grech u mis-Sur Lino Vassallo Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Ikel u Xorb tal-UHM. Ghall-Kumpanija T.G. Services Company Ltd. deher is-Sur Paul Piccinino assistit minn Dr. Vanessa Borg.**

**Fl'istqarrija tal-kaz l-appellant jghid, li kien gie mpjegat ma' T.G. Services Company Limited bhala Restaurant Manager fl'1 ta' Ottubru 1992, u nhar l-Erbgha 17 ta' Settembru, 2003 huwa kien gie nfurmat mill-Kumpanija li b'effett immedjat l-impieg tieghu kien sejjer jigi tterminat ghall-raguni li kien falla li**

jirraporta ghax-xoghol nhar l-Erbgha 17 ta' Settembru 2003, fil-Halland Hotel ta' l-Ibragg Sant'Andru f'Malta.

Fl'istaqarrija tal-kaz l-appellant ikompli jghid, li dan l-agir m'ghandux jigi kkonsidrat bhala abbandun tal-post tax-xoghol ghal fatt, li l-assenza minn fuq il-post tax-xoghol ghandu jitqies bhala wiehed cirkostanzjali u dan ghall-raguni li huwa moralment jhossu konvint li dan it-trasferiment minn lukanda f'Ghawdex lejn ohra f'Malta sar biss ghal ragunijiet ta' tpattija ghal xi attegjament jew kliem li allegatament sar mill-istess appellant fil-konfront tal-kumpanija u/jew ta' l-Imgarr Hotel.

L-appellant itemm l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li qabel dan il-kaz qatt ma kellu problemi ta' natura serja mal-Kumpanija.

Ghas-socjeta intimata da parti taghha qalet, illi klawsola numru hamsa (5) tal-Kuntratt ta' l-impieg ta' l-appellant tghid "The Employee may be required to perform his/her duties at any other catering establishment owned or operated or managed by the management or its subsidiary, or any other company in which it may have interest". Is-Socjeta tkompli tghid, li fis-17 ta' Settembru 2003, l-appellant naqas li jirraporta ghax-xoghol kemm gewwa l-Halland Hotel kif ukoll gewwa l-Imgarr Hotel.

Is-Socjeta ttem l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, illi fic-cirkostanzi ma kelliex triq ohra hlief li tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-appellant kien gie mpjegat mal-Kumpanija T.G. Services Company Limited fl'1 ta' Ottubru, 1992 bhala Restaurant Manager fl'Imgarr Hotel Ghawdex u matul il-hajja ta' l-impieg tieghu huwa qatt ma kellu kazijiet serji ta' dixxiplina. Quddiem it-Tribunal Industrijali gie relevat ukoll li impieg ta' l-appellant gie terminat b'effet mis-17 ta' Settembru 2003, wara li naqas li jirraporta ghax-xoghol fil-Halland Hotel f'Malta.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li qabel ma l-Kumpanija ordnat dan it-trasferiment kien inqala konflitt bejn l-appellant u l-

management tal-Kumpanija, rigward leave li l-appellant kellu akkumulat minn sena qabel u liema leave ma kienx gie kkonsumat mill-appellant ghall-raguni li hu kien akkumulah biex jiddisponi minnu meta kien se jghamel operazzjoni serja f'ghajnejh fl'Ingilterra u ghall-liema operazzjoni huwa kien ghadu qed jistenna id-data ta' l-appuntament mill-isptar ta' l-Ingilterra.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara l'Ghid tas-sena 2003 u qabel ma l-appellant mar ghall-operazzjoni, gie infurzat biex jikkonsoma l-leave pendenti tieghu u dan sar minkejja l-protesti verbali tieghu mal-management. Mill-provi jirrizulta wkoll, li waqt laqgha li l-appellant kellu mal-management tal-Lukanda Mgarr biex jiddiskuti il-qaghda tal-leave tieghu, huwa gie nfurmat mill-management biex jirraporta ghax-xoghol fil-Halland Hotel f'Malta u ghal dan l-appellant irreagixxa billi qallhom biex din l-ordni tigi moghtija lilhu bil-miktub. Mill-provi jirrizulta wkoll, li sa dan ittant l-ordni ma kienitx waslet bil-miktub u l-appellant mar f'Awissu l-Ingilterra biex jghamel l-operazzjoni f'ghajnejh. Meta rega lura Malta, l-appellant kkuntattja lill-management tal-Kumpanija biex jirraporta ghax-xoghol fis-17 ta' Settembru 2003. Huwa gie nfurmat, li kellu jirraporta ghax-xoghol fil-Halland Hotel f'Malta.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant ipproduca certifikat mill-professur Franco Mercieca datat 9 ta' Settembru 2003, liema certifikat jghid, li temporanjament l-appellant ma kienx f' qaghda li jivjagga bejn Malta u Ghawdex peress li dawn il-vjaggi, li kienu jinkludu wkoll li juza l-karozza kien jinolvi strapazz li kien ta' hsara ghall-ghajnejh wara l-operazzjoni li kien ghamel fl'Ingilterra.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li apparti l-istat mediku l-appellant stqarr ukoll, li kien hemm raguni ohra li mhux ghax ma riedtx imur jahdem f'Malta izda ma xtaqx imur jahdem il-Halland Hotel u ir-raguni kienet li hassu, li peress li kien ipprotesta fuq l-infurzar tal-leave tieghu u dan gabu f'konflitt mal-management, bhala reazzjoni ghal dan il-management ried jumiljah billi jibghatu jahdem f'Lukanda ta' livell anqas mill-Mgarr Hotel.

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad, li dan il-kaz zvolga b'rizultat ta' konflitt instigat minn esigenzi fejn fuq naha, wiehed isib l-esigenzi tal-management li ma jhallix li l-leave jibqa jakkumula minn sena ghall-ohra u fuq in-naha l-ohra wiehed isib l-esigeni tal-haddiem li kellu bzonn jakkumula l-leave ghall-operazzjoni serja f'ghajnejh li kien sejjer jghamel fl'Ingilterra.

Mill-provi li gew esebiti quddiem it-Tribunal Industrijali jidher li l-esigenzi msemmija hawn fuq skalaw f'sitwazzjoni ta' konflitt u ghall-sitwazzjoni ta' minn ghandu l-prerogattiva li jiddeciedi fuq il-post tax-xoghol. Din is-sitwazzjoni waslet ukoll ghall azzjoni u reazzjoni, fejn wiehed isib li l-management ordna li l-haddiem jiddisponi mill-leave li kellu akkumulat u b'reazzjoni ghal dan il-haddiem protesta. Mic-cirkostanzi tal-kaz jidher, li b'reazzjoni ghal protesta tal-haddiem, il-management enforza klawsola (5) tal-kuntratt ta' servizz li jitrassferixxi lill-haddiem mill-lukanda f'Ghawdex ghal dik f'Malta u ghal dan il-haddiemipprezenta certifikat li ma kienx f'qaghda li jivjagga minn Ghawdex ghall-Malta.

Mill-provi li gew esebiti quddiem il-qorti, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li fil-waqt li l-management ghandu d-dritt li jiddeciedi li ma jhallix l-leave jigi akkumulat ghax dan jista' jaffettwa negattivament l-operat tal-Kumpanija, kif ukoll li fil-waqt li l-management ghandu d-dritt li jezercita klawsola (5) tal-kuntratt ta' servizz pero, fl'istess waqt il-management setgha wkoll ha nkonsiderazzjoni l-aspett umanitarju tal-haddiem, fejn gie ppruvat li l-oggezzjoni tieghu ma kienitx instigata biex jopponi l-awtorita tal-Kumpanija izda primarjament kienet motivata minn cirkostanzi medici. Ghaldaqstant, fuq raguni medika, il-management setgha li temporanjament ippospona it-trasferiment tal-haddiem minn Malta ghall-Ghawdex.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjoni tieghu citati

hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-relazzjoni tax-xoghol bejn il-haddiem u l-kumpanija tintemm. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll li l-Kumpanija ghanda tghati kumpness lill-appellant ta' LM900 ( disa mitt lira Maltija) liema kumpenss ghandu jithallas mill-Kumpanija lill-appellant sa nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2005.

Ghall-iskop tal-Avviz legali numru 48 tal-1986, it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

for Vince Micallef
Segretarju